VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,934, 12 ta' Jannar, 2018
Taqsima B

A.L. 14 tal-2018

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2018 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2014 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master in Translation and Terminology Studies – M. Trans. - jew għall-Grad ta' Master in Interpreting Studies – M. Interp. -taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Arti

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tal-Arti bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81(1)(ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

It-Titlu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2018 biex jemendew l-Ordinamenti tal-2014 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master in Translation and Terminology Studies – M. Trans. - jew għall-grad ta' Master in Interpreting Studies – M. Interp. - u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2014 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master in Translation and Terminology Studies – M. Trans. - jew għall-grad ta' Master in Interpreting Studies – M. Interp. - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Arti, ippubblikati bħala Avviż Legali 67 tal-2009, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw mill-1 ta' Ottubru 2017 'il quddiem.

L-Emenda għall-ordinament 1 tal-ordinamenti prinċipali

3. Minflok il-paragrafu (2) tal-ordinament 1 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

VERŻJONI ELETTRONIKA

"(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx mod ieħor –

"il-Bord" tfisser il-Bord tal-Fakultà tal-Arti;

"il-Grad" tfisser il-grad ta' Master in Translation and Terminology Studies – M. Trans. - jew għall-grad ta' Master in Interpreting Studies – M. Interp.;

"il-Kors" tfisser il-programm ta' studju li jwassal għall-grad ta' Master in Translation and Terminology Studies – M. Trans. - jew għall-grad ta' Master in Interpreting Studies – M. Interp.;

"il-Postgraduate Certificate" tfisser il-Postgraduate Certificate in Translation and Terminology Studies – P.G.Cert. Trans. jew il-Postgraduate Certificate in Interpreting Studies – P.G.Cert. Interp.;

"il-Postgraduate Diploma" tfisser il-Postgraduate Diploma in Translation and Terminology Studies – P.G.Dip. Trans. jew il-Postgraduate Diploma in Interpreting Studies – P.G.Dip. Interp.; u

"ir-Regolamenti Prinċipali" tfisser ir-Regolamenti Ġenerali ta' l-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad.

L-Emenda għall-ordinament 7 tal-ordinamenti prinċipali

4. Il-paragrafu (3) li ġej għandu jidħol wara l-paragrafu (2) tal-ordinament 7 tal-ordinamenti prinċipali:

"(3) L-istudenti li jiksbu għall-anqas 30 krettu ECTS assenjati għat-taqsimiet studju mgħallma b'marka medja ta' mill-anqas 50% u ma jkomplux il-Kors, jkunu eliġibbli għall-għoti tal-Postgraduate Certificate."